# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulziija

(Spettur Andrew Agius Bonello)

Vs

Louis Casha

Seduta tad-Distrett tan-Naxxar

Illum,28 ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Louis Casha, ta' 74 sena, iben Joseph u Violet nee' Smith, mwieled Sliema fis-27/06/1948 u residenti gewwa 20, 'Reve', Triq Geronimo Abos, Iklin, detentur tal-karta tal-identita' numru 561348 M akkuzat talli nhar id-29 ta' Marzu, 2023 ghal habta ta' bejn 14:45 hrs u 15:45 hrs gewwa dawn il-Gzejjer Maltin

1. Insulentajt, heddidt jew ingurjajt bi kliem jew b' mod iehor lil Raymond Sultana.
2. Aktar talli ghamilt ingurji jew theddid mhux imsemmijin band' ohra fil-Kodici Kriminali, jew, jekk kont ipprovokat hrigt barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

3. Aktar talli permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni eletronika, heddit li taghmel xi reat.
4. U aktar talli permezz ta' xi network jew appartat ta' komunikazzjoni elettronika, ghamilt uzu iehor mhux xieraq bih.

Rat l-affidavit ta' PS 1154 Christian Sciberrasipprezentat mat-Tahrika tal-kawza; Rat l-Affidavit ta' Anthony Bonnici in rapprezentanza tas-socjeta' GO plc ipprezentat fil-26 ta' Gunju, 2023; Semghet ix-xhieda ta' Raymond Sultana fis-seduta tal-12 ta' Lulju, 2023; tal-imputat Louis Casha fis-seduta tat-12 ta' Lulju, 2023.

Rat li fis-seduta tal-12 ta' Lulju, 2023 il-prosekuzzjoni u d-difiza ghalqu l-provi taghhom;

Rat l-artikoli 339(1)(e), tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-artikoli 49(a), 49(c) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat ix-xhieda, dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat,

<u>Provi tal-prosekuzzjoni</u>

**Affidavit ta' PS 1154 Christian Sciberras**. Fit-3 ta' April, 2023 intbghatet kwerela l-Ghassa tan-Naxxar ghan-nom ta' Bernardette Casha fejn intalab lil Pulizija tinestiga l-agir tal-gar taghhom Raymond Sultana. Ix-xhud kellem lil kwerelanti fejn stqarrew li Raymond Sultana kien qed jikkreja fastidju b' xogholijiet li kienu qed isiru fir-residenza tieghu. Wara li l-pulizija baghtu ghal Raymond Sultana hu qal li nhar id-29 ta' Marzu, 2023, ghal habta ta' bejn 14:45 hrs u 15:45hrs Bernardette cemplet lil mara ta' Raymond Sultana fejn

staqsieha x' kienu qed jaghmlu u din rispondietha li mhux affari taghhom. Raymond Sultana qal li cempel lil Bernardette sabiex ikellem lil Louis u dan ta' l-ahhar qal il Raymond "xiz-zobb qieghedin taghmlu" u kif ukoll li "din ser tispicca hazin" u stqarr li din hada bhala theddida. Raymond Sultana stqarr li t-telefonata saret mit-telefone tad-dar tieghu, registrat mal-Go bin-numru 21435411 fuq in-numru ta' Bernardette u Louis 21415124.

Nhar il-16 ta' Mejju, 2023 ghal habta ta' 09:15 hrs gie mitkellem Louis Casha fejn huwa gie infurmat bl-allegazzjoni li saret kontra u li ser jittiehdu l-passi kontra tieghu. Hu tkellem mal-avukat tieghu li infurmah li ghandu d-dritt li jzomm is-silenzju. Louis gie mistoqsi x' gara nhar id-29 ta' Marzu, 2023 fejn huwa stqarr li tkellem ma Raymond fuq it-telefone minhabba li baqgha ghaddej bix-xoghol. Louis gie mistoqsi jekk heddudx b' xo mod lil Raymond fejn wiegeb li le. Hu gie infurmat li Raymond qal lil Pulzija li huwa qallu "din ser tispicca hazin" fejn huwa wiegeb li huwa qal dawn il-kliem ghal Bernardette li tbghati minn qalba.

Giet mitkellma ukoll Bernardette fejn hija stqarret li kienet prezenti ghat-telefonata fejn hija stqarret li Louis fl-ebda' hin ma hedded lil Raymond waqt din it-telefonata.

**Affidavit ta' Anthony Bonnici,** Data Requests Administrator ghas-socjeta' GO p.l.c.. Mitlub mill-prosekuzzjoni jikkonferma li saret telefonata minn 21435441 ghal fuq 21415124 nhar 29/03/23 u fuq min huma registrati dawn in-numri, .jiddikjara li minn fuq is-sistemi tas-socjeta' GO plc ma jirrizulta ebda' informazzjoni fuq dik mitluba mill-Pulizija skont l-imsemmija riferta.

**Raymond Sultana**, xehed fis-seduta tal-12 ta' Lulju, 2023 Jixhed li kienu baghtu ghalih mill-Ghassa tan-Naxxar fuq kwerela li ghamlulu Louis u Benny Casha. Kienu staqsewhx jekk riedx jaghti l-versjoni tieghu u qalulu li ghandi dritt inkellem avukat.

Fuq il-kaz jixhed li fid-29 ta`Marzu, ta`din is-sena bejn xi 15.00 u l-15.45 waqt li kien qed iwahhal il-madum ta l-art u saret telefonata minghand Mrs. Bernardette Casha u kelmet lil mara tieghu. L-mara tieghu giet tghidlu u hu cempelilha lura u qal lil Bernardette Casha li ried ikellem lil Louis Casha. Ix-xhud jaghraf lil imputat fl-awla.

“Xhud: U beda jgholli lehnu mieghi u jaghjjat u qalli kliem mhux dan u hin minnhom qalli din ha tispicca hazin u jien bzajt u ghedt din ha tispicca hazin ma nafx xjista jigri meta bniedem jghidlek din ha tispicca hazin umbaghad reget ppruvat tidhol Bernardette Casha fit-telefonata u qtajna il-konversazzjoni. U jien kont qed inwahhal il-madum fuq il-wara tad-dar 16, triq Gironimo Abos, Iklin.”

Hu cempel minn fuq il-landline tad-dar tieghu 21435441. In-numru l-iehor tellghu minn fuq l-ID caller.

Fuq x’ qallu l-imputat f’ din it-telefonata

“Qorti: U xqallek ezatt Casha?

Xhud: Qalli kemm ha ddum izzabbab f`40 sena qatt kellimni hekk u din li ha tispicca hazin.”

In kontro-ezami jirrispondi li meta saret it-telefonata ma marx jaghmel rapport u taha l-verzjoni tieghu meta baghtu ghalieh fuq il-kwerela li l-imputat ghamel kontrih.

Dan id-diskors sar fit-tieni telefonata u cioe’ meta x-xhud cempel hu fir-residenza tal-imputat.

Provi Difiza

**Louis Casha**, l-imputat xehed fis-seduta tat-12 ta’ Lulju, 2023. Dak in-nhar l-parte civile kien qed jaghmel xi xogolijiet fid-dar tieghu u wara nofs in-nhar kien ghadu qed ihabbat. Il-mara tieghu cemplet biex tghidilhom biex jieqfu naqra halli jkunu jistghu jistriehu. Ma jiftakarx id-data meta kienet.

Wara li qatghet it-telefone il-mara, Raymond Sultana, li jaghraf fl-awla cempillu. Fuq il-konverzazzjoni jixhed.

Xhud: U kellimtu jiena qalli intom mhux l-istorbju tieghi qed tisimghu lil tal-flats li qee jinbnew izjed minni, ghedtlu le tahbit gej minn naha tieghek ghedtlu vicin il-hajt tal-appogg fejn hemm il-living area u fejn il-mara gahndha is-sodda fpostha biex tistrieh wara nofs in-nhar halli jiena jekk jinqalalha xi haga inkun ma genbha, umbaghad qalli, ghedtlu isma intom ilek ghedtlu ghaddej bix-xoghol ghedtlu lilek biss nisma mill-girien ta magenbna ghedtlu lilek biss ghedtlu ilek skuzi ha nsemmiegha ghedtlu il izzabbab tohdilna rasna ghedtlu 3 xhur shah ma waqaftx ghedtlu umbaghad isma din il-bicca ghedtlu dal-kliem ezatt ghedtlu jien ghedtlu dil-bicca ha tispicca hazin minhabba sahhet il-mara tieghi ghalekk kont qed nirreferi ma kontx qed nheddu bl-ebda mod bl-ebda mod hedditu jien u filfatt vera ghax spiccajna l-Qorti u l-mara spiccat l-Isptar wara xi 3 gimghat kellha heart failer ghalekk spiccajna hazin.

Wara dan id-diskors ma ntqal xejn bejniethom.

Jikkonferma li lil pulizija kien spjegalhom x' kien qed ifisser meta qal li ha tispicca hazin.

Ikkunsidrat

Fl-ewwel imputazzjoni l-imputat kien akkuzat li insulenta, hedded jew jingurja b' mod iehor lil Raymond Sultana. Fix-xhieda tieghu stess l-imputat Louis Casha ammetta li qal lil parte civili "ilek izzabbab tohdilna rasna". Dan jikkonferma dak li qal l-parte civile fix-xhieda tieghu. Jirrizulta ghalhekk ipprovat l-imputazzjoni fuq l-insulti in kwantu gie ammess mill-istess imputat.

Fuq it-tieni imputazzjoni, Fil-waqt li l-parte civile qed jghid li hassu mhedded meta l-imputat qal il-kliem jispicca hazin u fehmha li qed jirriferu ghalieh, l-imputat spjega kemm quddiem il-pulizija kif ukoll fix-xhieda tieghu li kien qed jirriferi ghal sahhet il-mara tieghu

li tbghati b' qalbha.  Peress li jirrizulta konflitt ta' provi l-Qorti qed tillibera lil imputat minn din l-akkuza.

Fuq it-tielet u r-raba' imputazzjoni li-29 ta' Marzu, 2023 ghal habta ta' bejn 14:45 hrs u 15:45 hrs gewwa dawn il-Gzejjer Maltin l-imputat.

> Aktar talli permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni eletronika, heddit li taghmel xi reat.
> U aktar talli permezz ta' xi network jew appartat ta' komunikazzjoni elettronika, ghamilt uzu iehor mhux xieraq bih.

Mill-affidavit tar-rapprezentant tal-GO plc, Anthony Bonnici, ma jirrizultax li saret telefonata 21435441 ghal fuq 21415124 nhar 29/03/23. Il-Qorti tikkunsidra li  x-xhieda tar-rapprezentant tal-Go plc hija l-ahjar prova u din l-akkuza ma gietx ghalhekk ipprovata.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli l-artikoli 339(1)(e), tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 49(a), 49(c) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta fil-waqt li qed tillibera lil Louis Casha mit-tieni, it-tielet u r-raba imputazzjoni qed issibu hati tal-ewwel imputazzjoni u qed tikkundannah ghal multa ta' mitejn euro (200).

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**